MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħ'Attard

# ID-DISA' LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 28

29 ta' Lulju 2026

Il-Kunsilli Lokali Ħ'Attard iltaqa' fis-Sala tal-Bini Amministrattiv tal-Kunsill, li jinsab fi Ġnien Ħal Warda, Triq Ħal Warda, Ħ'Attard, fis-6.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
STEFAN CORDINA – Sindku
Alexander Louis Mangion – Viċi Sindku
Nicole Portelli - Kunsillier
Helen Caruana – Kunsillier
Remigio Bartolo – Kunsillier
John P. Bonnici – Kunsillier
Paul Ciantar – Kunsillier
Ralph Cassar– Kunsillier
Martin Musumeci– Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Marica Mifsud Mintoff - Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stefan Cordina ppresjeda l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fil-5.30pm. Kulħadd, minn dawk li kellhom ikunu preżenti kienu preżenti fil-ħin.

## 28.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija

28.1.1 Ma kienx hemm ittri t'apoloġiji.

## 28.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

28.2.1 Il-Minuti tal-laqgħa Nru. 27 ġew approvati wara li Dr. Musumeci qal li xtaq jikkummenta fuq xi ħaġa li m'hemmx fil-minuti. Is-Sur Cordina iċċara jekk hux xi ħaġa li ntqalet waqt il-minuti u m'hemmx jew xi ħaġ'oħra. Dr. Musumeci qal li xi ħaġ'oħra. Is-Sur Cordina qal li jista' jitkellem f'item 28.4 wara li jressaq il-komunikazzjonijiet tiegħu.

## 28.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

28.3.1 *Uffiċini Ġodda*

Is-Sur Cordina qal li l-Perit issottometta id-dokumentazzjoni li kien fadal imma jonqos iċ-ċertifikazzjoni tal-Perit mis-CRPD, li ntalbet mill-MEPA. Hu kompla jgħid li s-Segretarju Eżekuttiv għamlet kuntatt mas-CRPD biex terġa' ssir spezzjoni tal-post.

28.3.2 *San Anton*

Is-Sur Cordina qal li saret żjara uffiċċjali lix-xogħolijiet li qed isiru ġewwa Sant'Anton minn Project Green. Hu qal li kienet żjara interessanti fejn tqajmu bosta mistoqsijiet kemm bħalha Kunsill kif ukoll bħalha ċittadini ta' Ħ'Attard. Ix-xogħol hu estensiv u s-Sindku ħa l-opportunità biex jispjega fid-dettal il-proċess fuq kif se jiġu trattati s-siġar, biex ma jintilifx il-wirt storiku ta' dan il-post u r-restawr tal-paviment li qed isir kważi kollu bl-idejn.

28.3.3 *Vjal Kulħadd*

Is-Sur Cordina fakkar fuq l-attività Festa Familja wara li tispiċċa l-laqgħa tal-Kunsill.

28.3.4 *Konferenza Stampa*

Is-Sur Cordina fakkar fuq il-konferenza stampa dwar l-istorbju tas-Sibt, l-1 ta' Awwissu fid-9am. Qal li bħalha Kunsilli Lokali hemm Ħ'Attard, Ħal-Lija, Ħal Balzan, Siġġiewi, Ħaż-Żebbuġ u Rabat. Il-Kunsilli Lokali l-oħra ma wrewx interess.

28.3.5 *Klinika fi Triq il-Kbira ma' Triq il-Pjazzetta*

Is-Sur Cordina qal li ħa l-inizjattiva u qabbad lil Perit jagħmel oġġezzjoni minħabba li ma kienx hemm wisq żmien.

Is-Segretarju Eżekuttiv tellat fuq l-iscreen it-3D's tal-proposti f'din l-applikazzjoni:

















Is-Sur Cordina qal li ġie mistieden għal *site visit* flimkien ma' uffiċċjali tal-MEPA imma ħass li ma kienx lok li jattendi biex ħadd ma jiġi kompromess. Is-sid baqa' jirsisti li jrid jiltaqa' personali u la bagħat il-*visuals* hu fehemhom slide slide dak kollu li qed jiġi propost fl-applikazzjoni. Dr. Cassar qal li l-oġġezzjoni hi fuq l-użu iktar milli kif ġej il-post in se. Hu kompla jgħid li qabel il-parti ta' quddiem kienet dar tal-persuna li semma s-Sur Bonnici. Dr. Caruana saqsiet għala qal li hu qed jiġi miżinterpretat? Is-Sur Cordina qal li qed jingħad min-nies li fuq ġejja struttura tal-ħadid flok ġebel u li se jkun hemm ħafna affarijiet oħra li se joħolqu inkonvenjent, fosthom il-parkeġġ. Il-Perit Markham ħejja rapport adegwat għall-oġġezzjoni fuq din l-applikazzjoni, u fost ir-raġunijiet elenkati hemm il-parkeġġ. Dr. Musumeci qal li diġà jinsabu msallbin b'dik il-Boutique Hotel u dan kollu qed isir f'żona UCA.

28.3.6 ***Brembana***

Is-Sur Cordina qal li ġew milqugħin tajjeb u li żjara ma kienitx tedjanti. L-għaqdiet ikkollaboraw ferm u baqgħu f'kull attività sal-aħħar. Irringrazzja lis-Sur Bartolo u lis-Segretarju Eżekuttiv tax-xogħol li wettqu sabiex kollox mar kif suppost bi grazzi speċjali tmur lis-Sur Bartolo għax kif qalet is-Segretarju Eżekuttiv hu kien it-tmun li wettaq il-maġġur parti tax-xogħol.

28.3.7 ***Ittra Legali***

Bħal kull sena, qal is-Sur Cordina, ma tonqosx ittra legali personali mingħand is-Sinjuri Stefania u Simon Vella. Is-Sur Cordina qara din l-ittra u ikkuntattja l-Avukat tal-Kunsill li qallu biex ma jagħtix kasha. Hu kien ġa ġie ikkuntattjat mill-Avukat tal-kopja. Dr. Caruana qalet li din l-ittra hi avviż biex jirriżervaw id-drittijiet tagħhom. Is-Sur Cordina qal li l-permessi relatati mal-festa kienu, għadhom u jibqgħu joħorġu. Fil-fatt kompla jgħid li ta direzzjoni biex il-festa ssir u nħarġu mad-900 ittra, ir-residenti kollha ġew avżati u anki intalbu jgħaddu nformazzjoni fuq l-imejl tagħhom sabiex il-Kunsill jaġġorna id-data tiegħu. Kompla jgħid li lokalitajiet oħra fosthom Ħal Balzan u Santa Venera damu ġimgħa bl-aċċess magħluq għall-knisja u hawn mhux eċċezzjoni. It-toroq jingħalqu b'mod adegwat u mhux fit-tul, kemm jarmaw u jerġgħu jiftħu ħlief għal-lejliet il-festa, għax nhar il-festa hi festa pubblika. Dr. Caruana speċifikat li l-ittra, hawn taħt riprodotta mhix eżatt fuq l-għeluq tat-toroq biss, u din b'risposta għall-mistoqsija ta' Dr. Cassar, imma fuq dak id-dritt li

huma għandhom biex ma jiġix imxekkel in-negozju tagħhom. Dr. Caruana qalet li kieku din l-ittra ġew biha għandha għall-parir ta' avukat, hi kienet tipproponi li fil-permessi jitniżżel ċar li ma jista' jinħoloq l-ebda inkonvenjent u jekk is-Sur Cordina wara l-festa jiġi affaċjat b'xi ittra oħra, jew kawża ikollu x'juri li ħa l-miżuri kollha neċessarji. Is-Sur Cordina qal li saħansitra nġab avviż fil-gazzetta tal-Gvern dwar l-għeluq tat-toroq. Dr. Caruana reġgħet qalet u tenniet li l-problema mhux biss l-għeluq tat-toroq imma kull attività li tista' xxekkel lin-negozju tagħhom. Is-Sur Ciantar qal li minn dak li jiftakar is-sena l-oħra huma kellhom problema bil-bar tal-festa. Is-Sur Cordina qal li dan mhuwiex minnu.

8.
law

21 ta' Lulju 2026

Is-Sur Stefan Cordina
Sindku
Kunsill Lokali Attard
Ġnien l-Istazzjon
Triq il-Ġonna
Attard ATD1261

Għażiż Sur Sindku,

Nikteb f'isem Simon u Stefania konjuġi Vella, eżerċjenti n-negozju bl-isem Stefania's fi Triq il-Kbira, Ħ'Attard u nagħmel riferenza għall-iskambji li kellna qabel illum.

In vista tal-fatt li l-festa ta' Ħ'Attard qed toqrob u naturalment jinħarġu diversi permessi li jaffettwaw il-proprjeta tal-mittenti fi Triq il-Kbira, Ħ'Attard, il-mittenti jissolleċitawk, a skans ta' proċeduri inutli, sabiex fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħkom ma tilledux jeddijiet tal-mittenti u ma tassoġġettawhomx għal piżijiet mhux raġjonevoli u proporzjonati.

Tifhem li l-mittenti għandhom ikunu jistgħu jaħdmu bla inkonvenjent waqt li ħaddieħor igawdi l-festa.

Inselli għalik,

Avv. John Bonello

8POINT LAW
19/9, Vincenti Buildings,
Strait Street, Valletta
VLT 1432, Malta.

E: info@8pointlaw.com
T: +356 2122 7237

WWW.8POINTLAW.COM

28.3.7 *Żjara Uffiċċjali lill-Papa*

Is-Sur Cordina qal li ġie mistieden għall-udjenza privata mal-Papa il-Vatikan, bħalha Sindku, bejn l-20-22 ta' Ottubru 2026. Hu talab l-approvazzjoni tal-Kunsill, minħabba l-pożizzjoni finanzjarja, sabiex l-ispiża kollha ta' din iż-żjara tiġi assorbita mill-Kunsill.

Fl-istess waqt is-Sur Cordina qal li s-Segretarju Eżekuttiv intgħażlet permezz ta' polza minn fost is-Segretarji li issottomittew ix-xewqa tagħhom li jattendu għall-konferenza ġewwa Reims Franza bejn it-30 ta' Settembru u 3 ta' Ottubru 2026. Hi qalet li biljetti tal-ajru, lukanda u ċertu meals se jkunu kollha mħallsa ħlief it-trasport u l-kumplament tal-ikel.

Dawn l-ispejjeż ġew approvati.

28.3.8 *Karoaki Night*

Is-Sur Cordina irrefera għall-imejl mibgħuta mis-Segretarju Eżekuttiv rigward din l-attività:

Sinjuri,

Ġejt mitluba biex nagħti spjegazzjoni ta kif nibdet l-ideja biex issir l-attività tal-Karaoki Night gewwa Ġnien l-Istazzjon.

Ġimgħa wara l laqgħa tal-Kunsill tat-23 ta' Ġunju tkellimt mal -kollegi fuq ix-xewqa tiegħi li ssir din l-attività u bl-għajnuna tagħhom bdejna naħsbu x'nistgħu nagħmlu u anke nsibu sponsors biex il-Kunsill ma jutilizzax l-ebda fond u l-flus jiġu utiliżżati fuq eż. attivitajiet sportivi u ambjentali bħal dik tal-Local Councils European Week of Sports Initiative 2026 u oħra li għandu Ralph d'moħħu u li se nressqu Kunsill fid-29 ta' Lulju 2026.

Fil-fatt nista' nikkonferma li din l-attività hija kollha free of charge (Anna Faniello se tkun sponsored ukoll) u kull l-qliegħ li se jkun hemm minn raffles u hekk se jmur kollu għall-Hospice Malta.

L-imwejjed u siġġijiet se jingħataw kollha mill-Każin La Stella Levantina u min jixtieq jixtri xi ikel dan se jkun ippreparat mill-Każin stess.

L-attività ġiet milqugħa sew u diġà hemm ħafna bookings.

Skużawni li ma nfurmajtkomx qabel imma vera kienet spontanja l-biċċa u mhix se tiswa 1c.

Din il-korrispondenza se tintbgħat fic-*chat* ukoll.

Nispera li din issib l-approvazzjoni tagħkom.

Tislijiet,

Marica

Is-Sur Cordina qal li f'din l-imejl ġie rikonoxxut il-fatt li l-Kunsill ma ġiex avżat minħabba li din l-attività nibtet mill-istaff fost il-ħafna inizjattivi oħra li huma jieħdu, wara l-aħħar laqgħa tal-Kunsill, u l-Kunsill mhux sa jassorbi spejjeż minħabba li se tħallas l-ispiża s-Segretarju Eżekuttiv. Dr. Caruana qalet li jekk din l-attività se ssir bi skop li jinġabru flus għal xi entità, ma tarax għalfejn għandha tħallas minn butha s-Segretarju Eżekuttiv u l-ispejjeż jittieħdu minn dak li jinġabar. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li hekk riedet u se tħallas hi għax il-flus li jinġabru se jmorru għall-Hospice Malta. Dr. Caruana saqsiet fuq l-ispejjeż meta jsir il-Bazaar? Is-Sur Cordina qal li meta jsir il-Bazaar l-affarijiet jinġabu kollha b'xejn, jinbiegħu u l-flus li jinġabru jmorru kollha għall-Hospice Malta.

Reġa' tenna li din saret bla ebda skop li l-Kunsill ma jkunx infurmat u mhux se terġa' tiġri fis-sens li jekk jinzerta l-każ tiġi ċirkolata imejl qabel.

Dr. Caruana qalet li meta ġiet ċirkolata l-imejl hi rat diversi imejls u din ġiet approvata li ssir. Kompliet tgħid li meta jiġri hekk kemm tinbgħat talba u tiġi aċċettata mill-membri tal-Kunsill.

Dr. Musumeci qal li l-imejls rahom, kien hemm ħamsa li rrispondew, li hu ma qal xejn imma jekk ħaddieħor irid jgħid xi ħaġa issa jista' u li għaddiet *retrospectively*.

Hi kompliet tgħid li għaddiet vera, imma li xorta ma taqbilx li għandha tħallas is-Segretarju Eżekuttiv minn butha jekk hi xi ħaġa organizzata mill-Kunsill biex jinġabru fondi għall-Hospice Malta. Dr. Cassar qal li jekk trid tieħu l-ispejjeż mid-dħul tista' imma s-Segretarju Eżekuttiv reġgħet tenniet li ma tridx. Dr. Caruana qalet issa jekk ma tridx storja oħra.

Dr. Musumeci qal li mhux dak l-argument.

Is-Sur Cordina qal li din kienet inizjattiva tagħhom u t-tieni punt hu ma kienx ħa japprova xi ħaġa li jaf li l-Kunsill se jeħel fuqha, li dawn wara l-laqgħa tal-Kunsill kienu qed jitkellmu, bħalma ġieli tkellmu fuq attivitajiet oħra u diment li ma kienx se joħroġ flus il-Kunsill ma rax għalfejn għandu joġġezzjona.

Dr. Musumeci ried jagħmel il-pożizzjoni tiegħu ċara li dawn il-problemi inqalgħu għax hu kien qed jara FB u ra dan il-poster u ma kienx jaf biha. Saqsa lill-Dr. Cassar u lanqas hu ma kien jaf u ra li hi xi ħaġa vera serja. Saqsa jekk għada, hu jistax jagħmel kunċert sinfoniku f'nofs il-Pjazza quddiem il-Knisja u s-Sinjura Vella tibda tgerger.

Dr. Caruana qalet li le ma tistax u reġgħet tenniet li din ġiet approvata *retrospectively* u daqshekk. Dr. Musumeci qal li din hi xi ħaġa serja, u mhux għax saret mis-Segretarju Eżekuttiv għax seta' għamilha hu, imma li ma tistax tikkommetti li ssir xi ħaġa mingħajr ma jiġi ikkonsultat il-Kunsill u t-tieni ma xtaqx jidħol fil-proċedura imma anke l-imejl l-ewwel ġiet ċirkolata bl-imejl u wara fic-chat ta' whatsapp ta' kulħadd. Is-Sur Cordina qal li ma kien hemm xejn ħażin imbilli ntbagħtet fic-chat ta' whatsapp għax is-Sur Bonnici ma jarax l-imejls, imma whatsapp iva. Dr. Musumeci qal li mela għandha ssir chat oħra għax f'din ic-chat hemm l-impjegati tal-Kunsill ukoll. Qal li hu iffissat fuq il-proċeduri u ħadd ma jista' jikkommetti l-Kunsill għal xi ħaġa mingħajr ma jkun infurmat il-Kunsill u li mhux għax saret mis-Segretarju Eżekuttiv għax setgħet saret minn ċikku l-poplu imma li dik hi l-pożizzjoni tiegħu.

Is-Sur Cordina li qal li iva din nibdet kif qal Dr. Musumeci wara li tkellmu fuq chat bejniethom il-Kunsilliera biss u li ma kienx hemm intenzjoni li ma jkunux jafu u wkoll li mhux se terġa' tiġri, però la għandhom isemmu isemmu kollox. Kompla jgħid li din ma kienitx l-ewwel attività li saret hekk. Qal li l-Bazaar ma kienx hemm approvazzjoni l-ewwel sena li sar imma li kulħadd jieħu gost jara Kunsill Lokali Ħ'Attard meta jara s-somma miġbura.

Is-Sur Cordina qal li mar darba hu jagħti ċ-ċekk hu imma minn dakinhar il-quddiem beda jidher taħt Kunsill Lokali Ħ'Attard. Qal li dawn jagħmlu kollox minn jeddhom u kieku jridu ma jieħdux interess, ma jagħmlux tliet ijiem hemm, la jġibu *sponsorships* għax mhux xogħolhom u jxammru l-kmiem huma bħalha kunsilliera u jieħdu r-responsabbiltà bħalha kunsilliera li minn A sa Z isir kollox minnhom. Kompla jgħid li l-iffjurit saret fuq inizjattiva ta' impjegata Karen Fsadni u ħadd ma fetaħ ħalqu dak iż-żmien lanqas. L-ebda waħda ma kienet issemmiet imma kulħadd kien jaf li jsiru. Ovvjament wara bdew jissemmew minħabba fondi.

Dr. Musumeci reġa' tenna li hu ressaq dan l-ilment biex jiġi irrekordjat. Is-Sur Cordina qal li *bottomline* ma sar xejn iktar minn dak li kien ġa sar qabel u intbagħtet ukoll ittra b'apoloġija u kwota 'Skużawni li ma nfurmajtkomx qabel imma vera kienet spontanja l-biċċa u mhix se tiswa 1c'. Ġie rikonoxxut li sar żball, żball ġenwin mhux intenzjonat u li kieku ma jkunx hemm l-impjegati tal-Kunsill biex iġibu ċertu affarijiet ma jsirux.

Dr. Musumeci qal li bir-rispett kollu dan hu xogħolhom. Is-Sur Cordina qal li kull Kunsillier għandu r-responsabbiltajiet tiegħu u ħa jieqaf hemm. Is-Sur Bonnici qal li skużat ruħha daqshekk filwaqt li Dr. Caruana u s-Sur Cordina tennew li jekk ikun hemm idejat oħra, għalkemm is-Segretarju Eżekuttiv ilmentat li kultant aħjar ma jsir xejn, kemm tintbagħat imejl u jiġi nfurmat il-Kunsill.

Is-Sinjorina Nicole qablet ukoll li din approvata imma *going forward* għandu jkun hemm iktar komunikazzjoni.

Is-Sur Mangion qal li m'għandhomx jissalbu n-nies għax jieħdu inizjattivi u li din il-kwistjoni inqalgħet bla bżonn. Dr. Musumeci qal li mhux dak il-punt u li hu m'għamel xejn lil ħadd. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-unika kelma li ħadet għaliha fuqha kienet il-kelma 'żball' għax ma sar l-ebda 'żball'. Is-Sur Cordina waqqaf lil kulħadd milli jkompli jitkellem u qal li din hi *storm in a teacup* u li kif qalet Dr. Caruana din kienet biss *oversight*.

Kulħadd qabel li l-attività tipproċedi.

## 28.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

### 28.4.1 Remigio Bartolo

- Qal li ġa tkellem is-Sur Cordina u irrinġrazzja lil kulħadd u li kulħadd għen. Kompla jgħid li r-rappreżentanti tal-klabbs baqgħu preżenti kull laqgħa u li daru postijiet ta' nteress. Il-quddiem jistgħu isiru xi skambji u diġà hemm xi skambji kummerċjali wkoll. Hemm f'moħħhom li jerġgħu jiġu u forsi isiru xi laqgħat mas-Surmast il-ġdid.
- Fakkar biex isiru l-ismijiet mal-irħama tal-eks kunsilliera u min ħa ġieħ Ħ'Attard fil-Pjazza
- Ippropona li ssir xi plakka x'imkien. Is-Sur Cordina qal li anke ġo *roundabout*.

28.4.2 John Bonnici

- Saqsa fuq il-*bus stop* ta' Triq Santa Katerina. Is-Segretarju qalet li ntbagħtet imejl lil *Land Transport Directorate* u lil Perit biex dan tal-aħħar ikun jista' jipproċedi bl-applikazzjoni għad-DNO *permit*. Is-Sur Bonnici qal li ma jafx għalxiex tneħħa minn fejn kien għax fejn kien, kien tajjeb u ilu hemm fuq 30 sena. Hu qal li mar il-Ministeru wkoll biex jara u li vera kienet problema meta kienet venda. Imma issa m'għadhiex hemm il-venda. Is-Segretarju Eżekuttiv telgħet il-pjanta u wriet kif inhu ġej.

28.4.3 Dr. Ralph Cassar

- Qal li ġie avviċinat mill-iScouts u kellmu ċertu Matthew Axiaq li jixtiequ jagħmlu attività biex iġibu *badge*. Huma jixtieq jħawlu xi siġar u ġab xi kwotazzjoni. L-ispiża ġiet approvata.
- Qal li rigward il-*European Week for Waste Reduction* għandhom xi idejat u se jressaqhom fil-laqgħa li jmiss.
- Qal li tkellem ma' kumpanija li rebħu premju internazzjonali, li jiddisinjaw il-*board games* sabiex issir xi attività b'kollaborazzjoni magħhom. Dr. Musumeci qal li din hi kumpanija internazzjonali u residenti ta' Ħ'Attard.
- Qal li hemm xi fondi tal-APS sa €1000 u forsi jistgħu japplikaw għall-attivitajiet Doqqu Doqqu 2027 tal-Għid, Sajf u Milied.
  Dr. Musumeci qal li diġà qed jitkellem mal-istudenti tal-Masters li semma l-laqgħa ta' qabel u li se jiltaqa' magħhom dalwaqt biex isir kors għan-nies.
- Talab biex isir xi ħaġa fuq ħajt perikoluż, maħruġ il-barra fi Triq il-Kappella tal-Mirakli imma minħabba li l-art hi privata se jiġu ikkuntattjati xi entitajiet biex isir xi *reflector* jew xi ħaġ'oħra sakemm issir l-esproprjazzjoni.
- Saqsa fuq l-*istop sign* li kien hemm wara l-Knisja biex jerġa' jsir kif kien.

28.4.4 Dr. Helen Caruana

- Saqsiet fuq il-*platform* fi Triq il-Kbira u jekk din tistax titneħħa. Is-Sur Cordina qal li jiddependi jekk għad hemmx permess validu.
- Saqsiet meta se jerġa' jinfetaħ il-Kitchen Garden. S'issa għad m'hemm xejn.

## 28.5 Rapporti

### 28.5.1 *Ittra ta' Direzzjoni u Risposta tas-Sindku*

Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat dawn il-punti:

- Fuq il-FS tal-Kumitat Konġunt li għadhom ma ġewx preżentati minħabba li hemm ammont ta' €5,229 li għalkemm immaterjali huwa pendenti u għandu jiġi diskuss mad-dipartiment.
- Fuq xi flus (*Trade Receivables*) li kellu jdaħħal il-Kunsill fosthom ta' tabella ta' restorant partikolari li għalaq issa, xi fondi tal-LESA u ammont ieħor ta' FPSM Ltd li jammontaw għal €520. Is-Segretarju irrispondiet xi mistoqsijiet fuq l-Admin fee tal-LESA u li dawk l-ammonti li jaħsbu li mhux se jinġabru 'l quddiem jiġu *written off* bħalha *bad debts.*

2 Income

Joint Committee

2.1 We also noted that Attard Local Council formed part of the Birkirkara Joint Committee up to 31 August 2011.

2.2 We have obtained the last audited financial statements of the Birkirkara Joint Committee and noted that reserves of the committee only amount to €5,229. To this end our audit report was not qualified as the amount to be divided between all committee members would not be material.

2.3 Nevertheless, we recommend that the council raises this issue with the Department for Local Government and ensures that the joint committee is liquidated, and that the council receives any further income that may be due to it.

3 Trade receivables

Overdue trade receivables

3.1 The books of account include the following overdue receivables for which no provision was made:

| Debtor | € |
|---|---|
| FPSM Ltd | 10 |
| LESA | 463 |
| Terroir restaurant | 47 |
| **Receivables without provision** | **520** |
| | |
| Era Monitoring Unit | 700 |
| Regjun Xlokk | 5 |
| Regjun Nofsinhar | 5 |
| **Receivables with provision** | **710** |
| | |
| **Total long overdue receivables** | **1,230** |

Based on the Council's representations, receivables for which no provision has been recognised are considered recoverable, as the respective debtors have been actively pursued and have undertaken to settle the outstanding balances.

3.2 The council should regularly review overdue receivables for recoverability and if so, chase these debtors by sending reminders for the long overdue amounts. If recoverability of these debtors remains doubtful, the council should also consider making a provision for doubtful debts in the books of account after obtaining council approval in a meeting.

Tkellmet ukoll fuq it-*Trade Payables:*

4 **Trade payables**

**Overdue trade payables**

4.1 During the year under review, we again identified the below long-overdue payables:

| **Creditors** | **€** |
|---|---|
| Tabone Joseph | 139,023 |
| Kunsill Regjonali Tramuntana | 177,536 |
| Michael Attard Ltd | 13,925 |
| DF DESIGNS | 1,770 |
| JF MALLIA LTD | 5,452 |
| Antes INSURANCE BROKERS Ltd. | 1,426 |
| Mifsud Charlie | 2,065 |
| ARMS LIMITED | 1,567 |
| Cyan Engineering Services | 1,180 |
| Circolo Santa Marija | 1,000 |
| Others | 3,390 |
| **Total overdue balances** | **348,334** |

Qalet li dawn kienu jinkludu ammonti li ilhom jitħallsu mill-2024 bħall-kuntrattur ta' Ġnien l-Istazzjon, il-Kunsill Reġjonali Tramuntana li se jiġi ffirmat arranġament ta' ħlas lura, il-pagamenti mensili tal-vann u ammonti oħra ta' kuntratturi li bagħtu fattura, ma tħallsux, jew għax din il-fattura jew ma waslitx u allura ma ġietx rikonoxxuta fil-perjodu tagħha. Ċekkijiet li jkunu ntbagħtu u ma tħallsux.

Semmiet ukoll dak li qalet qabel rigward l-ammont dovut lir-Reġjun Tramuntana li skont ir-Reġjun jammontaw għal 252K u skont il-Kunsill 207K. Minħabba din hekk imsejjħa nuqqas ta' qbil l-estimi finanzjarji ittieħdu bħala *qualified*.

L-ittra ta' Direzzjoni ġiet innotata u l-Management Letter approvata u ffirmata.

Dr. Cassar saqsa kif inhuma l-pagament mal-kuntrattur tal-iStazzjon. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li sal-1 ta' Ottubru jkunu lesti.

## 28.6 *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

### 28.6.1 *European Week of Sports Initiative*

Is-Segretarju Eżekuttiv talbet biex jipproponu attivitajiet għal waqt il-ġimgħa tal-isports bejn l-1 u 30 ta' Settembru.

Dr. Musumeci qal li ma jixtieqx jerġa' jipproponi li ssir, minħabba li s-sena l-oħra ma ġie assolutament ħadd ħlief mara b'tifel. Tal-futbol qalu li kellhom affarijiet oħra u li kien ta' diżappunt li parteċipazzjoni kienet daqshekk fjakka. Kulħadd għandu jagħti *feedback* permezz t'imejl bil-proposti sal-7 ta' Awwissu 2026.

28.6.2 *Relocation of Open Air Market*

Ġiet preżentata u approvata ittra li se tintbagħat lil dawk kollha li għandhom kaxxa tal-monti ġewwa Ta' Qali. Din l-ittra maħruġa mill-Malta Food Agency tikkonċerna xogħolijiet marbuta mar-riġenerazzjoni ta' fejn jarma l-monti mill-1 ta' Settembru l'hemm.

Il-Kunsill kommess li jwassal tali informazzjoni lil dawk li jarmaw bi proposta li dawn jiġu rilokati ħdejn l-*open air gym* faċċata ta' fejn ittajjru l-ajruplani.

Din l-ittra ġiet innotata u approvata li tintbagħat biss ma' *covering letter*.

**Data:** 24 ta' Ġunju 2026

**Lis-Segretarju Eżekuttiv**
Kunsill Lokali Ħ'Attard
Ġnien Ħal Warda
Triq Ħal Warda
Ħ'Attard ATD 1400

**Suġġett: Rilokazzjoni tas-Suq Miftuħ f'Ta' Qali**

Għażiża Segretarju Eżekuttiv,

Il-Malta Food Agency tixtieq tinforma lill-Kunsill Lokali Ħ'Attard li għadha kif iffirmat kuntratt li permezz tiegħu se jiġi implimentat proġett infrastrutturali li jinkludi l-iżvilupp ta' struttura permanenti għal Farmers Market ġdid fis-sit fejn jarma l-Farmers Market bħalissa f'Ta' Qali.

Fi żmien qarib se jibdew jitħejjew ix-xogħlijiet fuq dan il-proġett. Sabiex tiġi mħarsa s-saħħa u s-sigurtà kemm tal-operaturi kif ukoll tal-pubbliku, l-Aġenzija qed titlob lill-Kunsill Lokali Ħ'Attard sabiex jieħu l-passi neċessarji biex jinforma lill-operaturi tas-Suq Miftuħ li jarma fl-istess sit fil-Ħdud li, b'effett mill-01 ta' Settembru 2026, is-Suq Miftuħ għandu jiġi rilokat għal sit alternattiv, liema għażla tkun skont kif jiddeċiedi l-istess Kunsill.

Il-Malta Food Agency tibqa' impenjata li tikkollabora mill-qrib mal-Kunsill Lokali ta' Ħ'Attard sabiex din it-tranżizzjoni ssir b'mod effiċjenti u mingħajr tfixkil għall-operaturi.

Nirringrazzjawkom tal-koperazzjoni tagħkom u nibqgħu għad-dispożizzjoni tagħkom għal kull kjarifika jew diskussjoni ulterjuri.

Tislijiet sinċieri,

Għan-nom tal-Kap Eżekuttiv
Malta Food Agency

## 28.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti.

28.7.1 L-iskeda ta' pagamenti ġiet innotata.

Is-Sindku saqsa min jipproponi u min se jissekonda.

Proponent: Sur Paul Ciantar        Sekondant: Sur John Bonnici

L-iskedi ġew approvati.

## 28.8 Mozzjonijiet; u

28.8.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet.

## 28.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

28.9.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6.52pm u ġiet aġġornata għas-26 ta' Awwissu 2026 fil-5.30pm

Konfermati illum, 26 ta' Awwissu 2026.

IFFIRMATA
Stefan Cordina
Sindku

IFFIRMATA
Marica Mifsud Mintoff
Segretarju Eżekuttiv